



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 15 ta' Frar 2024
(OR. en)

6241/24
ADD 5

**Fajl Interistituzzjonali:
2024/0035(COD)**

COPEN 60
DROIPEN 25
FREMP 69
CYBER 36
ENFOPOL 61
JAI 199
CODEC 404

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	7 ta' Frar 2024
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	SWD(2024) 34 final
Suġġett:	DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT Li jakkumpanja d-dokument Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/68/ĠAI (riformulazzjoni)

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument SWD(2024) 34 final.

Mehmuż: SWD(2024) 34 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Strasburgu, 6.2.2024
SWD(2024) 34 final

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI
SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Li jakkumpanja d-dokument

Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

dwar il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/68/ĠAI (riformulazzjoni)

{COM(2024) 60 final} - {SEC(2024) 57 final} - {SWD(2024) 32 final} -
{SWD(2024) 33 final}

Sommarju Eżekuttiv

Valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja l-proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Direttiva 2011/93/UE dwar il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/68/ĠAI

A. Ħtieġa li tittieħed azzjoni

Għaliex? X'inhi l-problema?

L-abbuż sesswali tat-tfal jaffettwa s-**sigurtà pubblika** fl-UE u **jikser id-drittijiet fundamentali tat-tfal** skont il-Karta. Huwa **problema tas-saħħa pubblika** li tikkontribwixxi għal piż globali permezz ta' riskju akbar ta' problemi serji ta' saħħa mentali u fiżika tul il-ħajja tal-bniedem, u li timponi piż ekonomiku fuq l-individwi, il-familji u s-soċjetajiet. Hemm sottorappurtar sinifikanti minħabba l-inabbiltà ta' ħafna vittmi li jippreżentaw ruħhom, minħabba l-età żgħira tagħhom u ċ-ċirkostanzi tal-abbuż, li spiss iseħħ f'ambjenti familjari jew f'ambjenti oħra ta' fiduċja. Fil-każ tal-abbuż sesswali tat-tfal imxandar mill-bogħod f'linja reali, il-possibbiltajiet għall-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tar-reati għadhom limitati ħafna anki meta r-reati jiġu rrapportati jew identifikati b'xi mod ieħor. Għalhekk, jeħtieġ li r-rispons tal-liġi kriminali għal abbuż sesswali tat-tfal jissaħħaħ aktar biex jiġu indirizzati l-lakuni eżistenti li ppersistew jew li rriżultaw mill-adozzjoni tal-qafas oriġinali tal-UE fl-2011 'l hawn. Il-problema tista' tinġabar fil-qosor kif ġej.

1. Iż-**żieda fil-preżenza online** tat-tfal u l-aħħar żviluppi teknoloġiċi, bħall-istreaming dirett perważiv u d-dinjiet virtwali, joħolqu opportunitajiet ġodda għall-abbuż minħabba li t-tfal spiss jiġu avvċinati online jew l-abbuż sesswali tagħhom jixxandar dirett bħala servizz li jista' jiġi ordnat.
2. L-**oqfsa legali differenti** fis-seħħ fl-Istati Membri li jikkonċernaw l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ma jipprevedux ġlieda effettiva kontra l-abbuż u l-isfruttament sesswali tat-tfal, b'mod partikolari minħabba d-dimensjoni online. Dan joħloq sfidi għall-infurzar tal-liġi minħabba d-diffikultajiet fl-identifikazzjoni tal-perpetraturi u fil-ġbir tal-evidenza.

Fil-prattika, il-kombinazzjoni taż-żewġ kwistjonijiet imsemmija hawn fuq twassal għal impunità perważiva għal reati serji li għandhom impatt tul il-ħajja fuq il-vittmi tfal.

3. L-isforzi biex **jiġi evitat l-abbuż sesswali tat-tfal** u biex **jiġu assistiti l-vittmi** għadhom ta' natura **limitata**, mhuwiex ċar kemm huma effettivi, u għadhom nieqsa mill-koordinazzjoni fost il-partijiet ikkonċernati.

X'mistennija tikseb din l-inizjattiva?

Minbarra li tirregola r-rwol ta' fornituri tas-servizzi online, li l-Kummissjoni indirizzat fil-proposta tagħha ta' Mejju 2022 għal regolament li jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni tal-abbuż sesswali tat-tfal u għall-ġlieda kontra dan (COM(2022) 209), jeħtieġ li l-qafas eżistenti tad-dritt kriminali jiġi ssupplimentat biex tiġi żgurata l-effettività tiegħu. L-oġġettiv ewlieni huwa li **jittejbu l-identifikazzjoni, il-protezzjoni u l-appoġġ tal-vittmi** ta' abbuż sesswali tat-tfal, tiġi żgurata **prevenzjoni effettiva** u **jiġu ffaċilitati l-investigazzjonijiet**. L-oġġettivi speċifiċi huma: (1) li tiġi żgurata l-kriminalizzazzjoni tal-forom kollha tal-abbuż u l-isfruttament sesswali tat-tfal online; (2) li jiġi żgurat li r-regoli nazzjonali dwar l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni jipprevedu azzjoni effettiva kontra l-abbuż u l-isfruttament sesswali tat-tfal; u (3) li jittejbu l-prevenzjoni, u l-protezzjoni, l-appoġġ u l-assistenza lill-vittmi, li l-Istati Membri jiġu obbligati jiġbru statistika dwar l-abbuż sesswali b'mod sistematiku, u li tiġi żgurata koordinazzjoni akbar fost l-Istati Membri u, fil-livell nazzjonali, fost il-partijiet kollha involuti. Il-proposta taġġorna wkoll il-lingwa tal-qafas eżistenti, u tissostitwixxi r-referenzi kollha għall-"pedopornografija" b'"materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal" biex tirrifletti l-istandards maqbula internazzjonalment bil-għan li jiġi evitat effett involontarju ta' leġittimazzjoni tal-assoċjazzjoni mal-pornografija legali għall-adulti.

X'inhu l-valur miżjud ta' azzjoni fil-livell tal-UE (sussidjarjetà)?

Id-distakki fil-qafas eżistenti ħarġu l-aktar minħabba d-dimensjoni online, li min-natura tagħha hija transfruntiera, b'mod partikolari meta jiġu indirizzati x-xandir dirett jew il-grooming online. Fin-nuqqas ta' regoli komuni, l-Istati Membri jistgħu jiffaċċjaw ostakli biex b'mod effettiv: (i) jipprevjenu l-kummissjoni ta' reati ta' abbuż sesswali tat-tfal fit-territorju tagħhom; (ii) jinvestigaw u jħarrku reati ta' abbuż sesswali tat-tfal b'dimensjoni transfruntiera; u (iii) jidentifikaw u jipprovdu assistenza lill-vittmi.

B. Soluzzjonijiet
X'inhuma d-diversi għażliet biex jintlaħqu l-oġġettivi? Hemm għażla ppreferuta jew le? Jekk le, għalfejn?
Għażla A: Aġġustamenti leġiżlattivi mmirati biex jiġu ċċarati l-ambigwitażiet tal-qafas attwali, tiġi żgurata konsistenza mal-istrumenti l-ġodda, u biex jittejjbu l-kwalità u l-kwantità tal-informazzjoni disponibbli. Għażla B: L-għażla A flimkien ma' emendi leġiżlattivi li jimmodifikaw id-definizzjonijiet ta' reati biex jitqiesu l-iżviluppi teknoloġiċi attwali u mistennija. Għażla C: L-għażla B flimkien ma' emendi leġiżlattivi biex tiġi żgurata prevenzjoni, assistenza lill-vittmi u investigazzjoni, u prosekuzzjoni aktar effettivi, filwaqt li titqies id-dimensjoni transfruntiera tal-fenomeni. Din hija l-għażla preferuta.
X'inhuma l-fehmiet tal-partijiet ikkonċernati differenti? Liema għażla u min jappoġġaha?
Il-partijiet ikkonċernati talbu lill-Kummissjoni tirrevedi l-qafas. Huma kkonfermaw li deher li t-tfal ġew affettwati minn lakuni fil-kriminalizzazzjoni fir-rigward tax-xejriet emerġenti abilitati jew iffaċilitati mill-iżvilupp teknoloġiku u ż-żieda fil-preżenza online kemm tat-tfal kif ukoll tal-predaturi, speċjalment mill-pandemija tal-COVID-19 'il quddiem. B'mod partikolari, l-isfidi fl-investigazzjoni u fil-prosekuzzjoni ta' tali reati u fl-identifikazzjoni tal-vittmi ġew identifikati bħala li jeħtieġu appoġġ aktar effettiv. Il-partijiet ikkonċernati indikaw ukoll il-ħtieġa li l-ispeċifikażjoni tar-reati tal-abbuż u l-isfruttament sesswali tat-tfal jitqiesu aktar, inklużi l-isfidi li jiltaqgħu magħhom il-vittmi meta jirrapportaw, il-perjodu twil li jista' jgħaddi bejn l-okkorrenza tar-reat u l-abbiltà tal-vittma li titkellem dwaru, il-ħtieġa għal prevenzjoni mmirata u assistenza lill-vittma, u d-diffikultajiet ikkawżati minn fenomeni bħal dak ta' trasgressuri sesswali li jivvjaġġaw. B'mod ġenerali, il-partijiet ikkonċernati appoġġaw aġġornament immirat tal-qafas, b'mod partikolari bil-ħsieb li jiġi indirizzat il-fenomeni ta' abbuż sesswali tat-tfal mill-bogħod f'ħin reali.
C. Impatti tal-għażla ppreferuta
X'inhuma l-benefiċċji tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, inkella x'inhuma dawk ewlenin)?
L-inizjattiva hija mistennija ttejjeb l-identifikazzjoni, il-protezzjoni u l-appoġġ tal-vittmi ta' abbuż sesswali tat-tfal, u tiżgura prevenzjoni aktar effettiva kif ukoll tiffaċilita l-investigazzjonijiet. Hija tista' tnaqqas l-impunità mifruxa ta' abbuż sesswali tat-tfal imxandar mill-bogħod f'ħin reali billi tqiegħed għad-dispożizzjoni għodod investigattivi aktar effettivi u billi tadatta l-qafas tal-liġi kriminali. Dan sabiex jiġi żgurat li l-ordni tal-abbuż sesswali ta' tfal, li jiġi mxandar dirett biex jintwera b'mod privat lit-trasgressur, jiġi kriminalizzat b'mod indipendenti mill-abbuż sesswali nnifsu, u li t-tentattiv ta' solleċitazzjoni tat-tfal għall-abbuż sesswali permezz ta' kanali online bħal chats jew pjattaformi tal-gaming jiġi kriminalizzat b'mod simili. L-inizjattiva tagħmilha possibbli wkoll li, għal perjodu estiż ta' żmien, jitqiesu l-biża' u t-trauma fit-tul li spiss ifixxlu li wieħed jirrapporta, sabiex is-superstiti jressqu lmenti u jitolbu kumpens għad-danni, fejn it-tnejn li huma jkollhom impatt pożittiv fuq il-kapaċità tas-superstiti li jasserixxu d-drittijiet tagħhom u jirkupraw il-benesseri tagħhom. Il-ħolqien ta' awtoritajiet nazzjonali biex jikkoordinaw l-isforzi fil-livell nazzjonali jipprevedi approċċ nazzjonali komprensiv għall-fenomeni tal-abbuż sesswali tat-tfal, li huwa problema ta' saħħa pubblika daqs kemm huwa problema ta' ġustizzja kriminali. Strutturi eżistenti ta' dan it-tip f'xi Stati Membri wrew il-benefiċċji għas-sensibilizzazzjoni, il-prevenzjoni, l-għoti ta' vuċi lill-vittmi u lis-superstiti, u l-appoġġ tagħhom b'mod aktar effettiv.
X'inhuma l-kostijiet tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, inkella x'inhuma dawk ewlenin)?
Il-kostijiet jaqgħu prinċipalment fuq l-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri. L-għażla ppreferuta għandha piż limitat fuq l-Istati Membri, li jagħmel tajjeb għalih l-impatt pożittiv tal-miżuri fir-rigward tal-prevenzjoni u l-għieda kontra t-traffikar, u tal-protezzjoni tal-vittmi. L-għażla ppreferuta tikkonsisti l-aktar fit-tisħiħ u l-espansjoni tad-dispożizzjonijiet eżistenti minflok il-ħolqien ta' obbligi ġodda. Xi Stati Membri diġà daħħlu fis-seħħ miżuri biex jespandu l-kamp ta' applikazzjoni ta' liġijiet kriminali f'konformità mal-proposti l-ġodda, u qiegħdu għad-dispożizzjoni miżuri investigattivi addizzjonali, li se jnaqqsu l-piż regolatorju fuqhom. Ir-rekwiżit li tinholq awtorità nazzjonali għall-koordinazzjoni joħloq ukoll piż regolatorju u amministrattiv fuq l-Istati Membri li għad ma għandhomx sistema fis-seħħ.
X'inhuma l-impatti fuq l-SMEs u fuq il-kompetittività?
Ma hemm l-ebda impatt dirett jew indirett fuq l-SMEs u l-kompetittività.
Se jkun hemm impatti sinifikanti fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali?
Se jkun hemm erba' tipi ewlenin ta' impatt fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali, li kollha kemm huma mistennija jkollhom ambitu limitat. L-ewwel nett, l-amministrazzjoni se jkollha bżonn tinvesti riżorsi biex tagħmel il-bidliet meħtieġa fil-qafas leġiżlattiv nazzjonali. It-tieni, id-disponibbiltà ta' aktar miżuri investigattivi għandha żżid l-għadd ta' każijiet li jistgħu jiġu investigati, u għalhekk ir-riżorsi meħtieġa, iżda min-naħa l-oħra

dan x'aktarx iżid ukoll l-effiċjenza u l-effettività tal-investigazzjonijiet, u b'hekk inaqqas ukoll l-ammont ta' xogħol kumplessiv ta' infurzar tal-liġi. It-tielet, il-ħolqien u li jinżammu awtoritajiet nazzjonali biex jikkoordinaw l-isforzi kontra l-abbuż sesswali tat-tfal se jkollu impatt kontinwu fuq il-baġits nazzjonali fl-Istati Membri fejn tali funzjonijiet għadhom ma jeżistux. Fl-aħħar nett, il-ġbir propost ta' statistika jista' jmur lil hinn minn dak li diġà huwa disponibbli fil-livell nazzjonali iżda huwa konformi ma' dak li diġà ġie adottat skont ir-Regolament (UE) 2021/1232 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-14 ta' Lulju 2021 dwar deroga temporanja minn ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2002/58/KE fir-rigward tal-użu ta' teknoloġiji minn fornituri tas-servizzi tal-komunikazzjonijiet interpersonali indipendenti min-numri għall-ipproċessar ta' <i>data</i> personali u <i>data</i> oħra għall-iskop tal-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal online¹.
Se jkun hemm impatti sinifikanti oħra? Impatt ewlieni tal-għażla ppreferuta huwa relatat mas-salvagwardja tal-benesseri u d-drittijiet tat-tfal online u offline, u dawk tas-superstiti tal-abbuż sesswali tat-tfal. Barra minn hekk, il-proposta għall-estensjoni tad-dritt tal-vittmi li jippreżentaw akkużi u li jkunu jistgħu jitolbu d-danni jkun mistenni li jkollu impatt pożittiv sinifikanti fuq il-kapaċità tal-vittmi u s-superstiti li jasserixxu d-drittijiet tagħhom.
Proporzjonalità? Il-bidliet fid-Direttiva skont din il-proposta huma limitati u mmirati, bil-għan li jindirizzaw b'mod effettiv in-nuqqasijiet ewlenin identifikati fl-implimentazzjoni u fl-evalwazzjoni ta' dik id-Direttiva. Kwalunkwe piż amministrattiv ulterjuri li jista' jirriżulta minn dan l-aġġornament jitqies proporzjonat fid-dawl tal-benefiċċji fit-tul, inklużi l-benefiċċji tal-kostijiet, li huma marbuta mal-prevenzjoni u l-identifikazzjoni bikrija ta' dawn it-tipi ta' reati għall-vittmi u għas-soċjetà inġenerali. Għalhekk, il-proposta ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintlaħqu l-oġettivi.
D. Segwitu
Meta se tiġi rieżaminata l-politika? L-impatti konkreti tal-għażla ppreferuta, jiġifieri l-progress reali fil-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal offline u online, se jiġu mmonitorjati u evalwati skont it-tliet oġettivi speċifiċi. Il-proposta tinkludi miżuri biex tinġabar statistika rilevanti sabiex dawn l-impatti jkunu jistgħu jiġu vvalutati b'mod preċiż. Fuq din il-bażi, kull 5 snin il-Kummissjoni se tipprovdi rapporti ta' implimentazzjoni, li se jiġu akkumpanjati minn proposti għal emendi kif meħtieġ.

¹ ĠU L 274, 30.7.2021, p. 41-51.